32004D0542

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Ġunju 2004

li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE għal dak li jirrigwarda l-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' laħam frisk

(notifikat bid-dokument numru C(2004) 1954)

(Test b' rilevanza ŻEE)

(2004/542/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar problemi ta' spezzjoni tas-saħħa u dik veterinarja fuq importazzjoni ta' annimali ta' l-ifrat, ovini u kaprini u majjal, laħam frisk jew prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi[1], u b' mod partikolari, l-Artikolu 14(3) (c) u (d) u l-Artikolu15 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tipprovdi r-regoli tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali għal konsum uman[2], u b' mod partikolari l-Artikolu 8 (1) u (4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1979 li jipprovdi lista ta'pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi, u li jipprovdi l-kundizzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika u veterinarja ta' l-annimali, għal importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom[3], reċentement ġiet emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/212/KE dwar il-kundizzjonijiet

---

1 ĠU L 302, 31.12.1972 p. 28. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p.36).

2 ĠU L18, 23.1.2002, p. 11.

3 ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2004/372/KE (ĠU L 118, 23.4.2004, p. 45).

Komunitarji tas-saħħa fuq l-importazzjonijiet ta' l-annimali u l-laħam frisk taghom inkluż il-kapuljat, u li temenda d-Deċiżjonijiet 79/542/KEE, 2000/572/KE u 2000/585/KE[4]. In segwitu ta' din l-emenda, mudelli ġodda ta' ċertifikati tas-saħħa jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/402/KEE dwar kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' laħam frisk mill-pajjiżi ta' l-Amerika t'Isfel[5] għandha tapplika għall-Arġentina, il-Brazil, iċ-Ċili, il-Kolumbja, il-Paragwaj u l-Urugwaj u reċentement ġiet emendata permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/758/KE ta' l-20 ta' Ottubru 2003 li temenda d-Deċiżjoni 93/402/KEE għal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' laħam frisk mill-Arġentina[6] li mmodifikat ir-reġjonalizzazzjoni ta' l-Arġentina; din id-deċiżjoni tkun revokata fl-1 ta' Mejju 2004 mid-Deċiżjoni 2004/212/KE.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/283/KE dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' laħam frisk minn ċerti pajjiżi Afrikani[7] reċentement ġiet emendata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/571/KE tal-31 ta' Lulju 2003 li temenda d-Deċiżjonijiet 1999/283/KE u 2000/585/KE għal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' laħam frisk mill-Botswana u mis-Swaziland[8] li mmodifikat ir-reġjonalizzazzjoni tas-Swaziland; din id-deċiżjoni tkun irrevokata fl-1 ta' Mejju 2004 mid-Deċiżjoni 2004/212/KE.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/585/KE[9] li tipprovdi lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtoriżżaw l-importazzjoni ta' laħam tal-fenek u ċerti laħam kemm salvaġġ kif ukoll laħam tal-kaċċa mrobbi, u li tipprovdi l-kundizzjonjiet ta' l-annimali u dawk tas-saħħa pubblika u l-kundizzjonijiet ta' ċertifikazzjoni veterinarja għal tali importazzjonijiet, reċentement ġiet emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/245/KE[10] li awtorizzat lill-Iżlanda sabiex tesporta laħam tal-kaċċa mrobbi ta' annimali b' difer maqsum bl-eċċezzjoni tal-majjal.

(5) Għalhekk id-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE trid tiġi aġġornata sabiex tieħu in konsiderazzjoni l-ħtiġijiet ta' reġjonalizzazzjoni u ta' ċertifikazzjoni dwar l-Arġentina kif ipprovdut fid-Deċiżjoni 2003/758/KE, dwar is-Swaziland kif ipprovdut fid-Deċiżjoni 2003/571/KE u dwar l-Iżlanda kif ipprovdut fid-Deċiżjoni 2004/245/KE.

(6) Kodiċi ISO ta' xi pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni 79/542/KEE għandha tiġi aġġornata.

(7) Għandu jiġi ċċarat li l-użu tal-mudelli taċ-ċertifikat li jinsabu fid-Deċiżjoni 79/542/KEE huwa meħtieġ mingħajr jedd għal ċerti ħtiġijiet ta' ċertifikazzjoni speċifika bbażat fuq ftehim tal-Komunità ma' pajjiżi terzi.

---

4 ĠU L 73, 11.3.2004, p. 11.
5 ĠU L 179, 22.7.1993, p. 11.
6 ĠU L 272, 23.10.2003, p. 16.
7 ĠU L 110, 28.4.1999, p.16.
8 ĠU L 194, 01.08.2003, p. 79.
9 ĠU L 251, 6.10.2000, p. 1.
10 ĠU L 77, 13.03.2004, p. 62.

(8) Il-Parti 1 ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni 79/542/KEE għandha tiġi emendata kif meħtieġ.

(9) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Peramanenti dwar Iċ-Ċiklu Alimentari u s-Saħħa ta'l-Annimali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Parti 1 ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni 79/542/KE hija sostitwita bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu2

Din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Mejju 2004.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul f'Brussell, 25 ta' Ġunju 2004.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS II (LAĦAM FRISK)

Parti 1

Lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnha(*)

Pajjiż	***Kodiċi tat-Territorju***	***Deskrizzjoni tat-territorju***	***Ċertifikat Veterinarju***		***Kundizzjonijiet speċifiċi***
			Mudell(i)	*SG*	
1	*2*	*3*	*4*	*5*	*6*
AL– L-Albanija	*AL-0*	*Il-pajjiż kollu*	*-*		
AR – L-Arġentina	*AR-0*	*Il-pajjiż kollu*	*EQU*		
	AR-1	*Il-Provinċji ta' Bwenos Ajres, Katamarca, Korrientes, Entre Ríos, La Pampa, La Rioja, Mendoza, Misiones, Neuquen, Rio Negro, San Juan, San Luis, Santa Fe, Santiago del Estero, u t-Tucuman.*	*BOV*	***A***	***1 u 2***
	AR-2	*La Pampa u Santiago del Estero*	*BOV*	***A***	***1 u 2***
	AR-3	*Cordoba*	*BOV*	***A***	***1 u 2***
	AR-4	*Chubut, Santa Cruz and Tierra del Fuego*	*BOV, OVI*		
	AR-5	*Formosa (it-territorju ta' Ramon Lista biss) u Salta (id-dipartiment ta' Rivadavia biss,)*	*BOV*	***A***	***1 u 2***
	AR-6	*Salta (id-dipartimenti tal-Ġeneral Jose de San Martin, Oran, Iruya, u Santa Vitorja biss)*	*BOV*	***A***	***1 u 2***
	AR-7	*Chaco, Formosa (ħlief it-territorju ta' Ramon Lista), Salta (ħlief għad-dipartimenti tal-Ġeneral Jose de San Martin, Rivadavia, Oran, Iruya, u Santa Vitorja), Jujuy*	*BOV*	***A***	***1 u 2***
AU –L-Awstralja	*AU-0*	*Il-pajjiż kollu*	*BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW*		
BA – Il-Bożnija Ħerżegovina	*BA-0*	*Il-pajjiż kollu*	*-*		

BG- Bulgarija	*BG-0*	*Il-pajjiż kollu*	*EQU*		
	BG-1	*Il-provinċi ta' Varna, Dobrich, Silistra, Choumen, Targovitchte, Razgrad, Rousse, V.Tarnovo, Gabrovo, Pleven, Lovetch, Plovdic, Smolian, Pasardjik, id-distrett ta' Sofija, il-belt ta' Sofija, Pernik, Kustendil, Blagoevgrad, Vratza, Montana u Vidin*	*BOV, OVI RUW, RUF*		
	BG-2	*Il-provinċi ta' Bourgas, Jambol, Sliven, Starazagora, Hasskovo, Kardjaliand u l-kuritur mal-frutjiera tat-Turkija li hija wiesa' 20-km-*	*-*		
BH – Baħrain	*BH-0*	*Il-pajjiż kollu*	*-*		
BR – Il-Brażil	*BR-0*	*Il-pajjiż kollu*	*EQU*		
	BR-1	*L-Istati tal-Paraná, Minas Gerais (ħlief delegazzjonijiet reġjonali ta' Oliveira, Passos, São Gonçalo de Sapucai, Setelagoas and Bambuí), São Paulo, Espíritu Santo, Mato Grosso do Sul (ħlief għal muniċipalitajiet ta'* Sete Quedas, *Sonora, Aquidauana, Bodoqueno, Bonito, Caracol, Coxim, Jardim, Ladario, Miranda, Pedro Gomes, Porto Murtinho, Rio Negro, Rio Verde of Mato Grosso and Corumbá), Santa Catarina, Goias u l-unitajiet reġjonali ta' Cuiaba (ħlief għall-muniċipalitajiet ta' San Antonio de Leverger, Nossa Senhora do Livramento, Pocone u Barão de Melgaço), Caceres (ħlief għal muniċipalitàn ta' Caceres), Lucas do Rio Verde, Rondonopolis (ħlief għal muniċipalità ta' Itiquiora), Barra do Garça u Barra do Burges f' Mato Grosso.*	*BOV*	*A*	*1 u 2*
	BR-2	*L-Istat ta' Rio Grande do Sul*	*BOV*	*A*	***1 u 2***
	BR-3	*L-Istat ta' Mato Grosso do Sul, il-muniċipalità ta' Sete Quedas*	*BOV*	*A*	***1 u 2***
BW – Il-Botswana	*BW-0*	*Il-pajjiż kollu*	*EQU, EQW*		
	BW-1	*Iż-żoni ta' kontroll tal-mard veterinarju 5, 6, 7, 8, 9 and 18*	*BOV, OVI, RUF, RUW*	***F***	*1 u 2*
	BW-2	*Iż-żoni ta' kontroll tal-mard veterinarju 10, 11, 12, 13 u 14*	*BOV, OVI, RUF, RUW*	***F***	***1 u 2***
BY – Il-Belarus	*BY-0*	*Il-pajjiż kollu*	*-*		
BZ –Il- Belize	*BZ-0*	*Il-pajjiż kollu*	*BOV, EQU*		
CA – Kanada	*CA-0*	*Il-pajjiż kollu*	*BOV, OVI, POR, EQU, SUF, SUW RUF, RUW,*		
CH – L-Isvizzera	*CH-0*	*Il-pajjiż kollu*	*BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW*		

CL – Iċ-Ċili	*CL-0*	*Il-pajjiż kollu*	*BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW*		
CN – Iċ-Ċina (Ir-Repubblika popolari taċ-)	*CN-0*	*Il-pajjiż kollu*	*-*		
CO – Il-Kolombja	*CO-0*	*Il-pajjiż kollu*	*EQU*		
	CO-1	*Iż-żona inkluża fil-frunjieri mill-punt fejn ix-xmara Murri titfa' l' isfel għal ġox-xmara Atrato, tul ix-xmara Atrato fejn titfa' għal ġo l-Oċeanu Atlantiku minn dan il-punt tal-fruntjiera tal-Panama tul il-kosta Atlantika sal-Cabo Tiburón; minn dan il-punt sa l-Oċean Paċifiku tul il-fruntjiera ta' bejn il-Kolumbja u l-Panama; minn dan il-punt sal-bokka tax-xmara Valle tul il-kosta Paċifika u minn dan il-punt tul linja dritta sal punt fejn ix-xmara Murri titfa' ġox-xmara Atrato.*	*BOV*	*A*	*2*
	CO-2	*Il-muniċipalitajiet ta' Arboletas, Necocli, San Pedro de Urah, Turbo, Apartado, Chigorodo, Mutata, Daheiba, Uramita, Murindo, Riosucio (ix-xatt tal-lemin tax-xmara Atrato) u Frontino.*	*EQU*		
	CO-3	*Iż-żona inkluża fil-fruntjiera mill-bokka tax-xmara Sinu fuq ix-xmara Atlantika, li titla' tul ix-xmara Sinu sa l-ilmijiet ta' fuq tal-Alto Paramillo, minn dan il-punt sal-Puerto Rey fl-Oċean Atlantiku, tul il-fruntjiera bejn id-Dipartiment ta' l-Antiquia u Córdoba, u minn dan il-punt tal-bokka tax-xmara Sinu tul il-kosta Atlantika.*	*BOV*	*A*	*2*
CR – Il-Kosta Rika	*CR-0*	*Il-pajjiż kollu*	*BOV, EQU*		
CS – Is-Serbja u l-Montenegro	*CS-0*	*Il-pajjiż kollu*	*-*		
	CS-1	*Il-pajjiż kollu ħlief ir-reġun tal-Kosovo u tal-Metohija*	*BOV, OVI, EQU*		
CU – Kuba	*CU-0*	*Il-pajjiż kollu*	*BOV, EQU*		
DZ – L-Alġerija	*DZ-0*	*Il-pajjiż kollu*	*-*		
ET –L- Etjopja	*ET-0*	*Il-pajjiż kollu*	*-*		
FK – Il-Gżejjer tal-Falklands	*FK-0*	*Il-pajjiż kollu*	*BOV, OVI, EQU*		
GL – Greenland	*GL-0*	*Il-pajjiż kollu*	*BOV, OVI, EQU, RUF, RUW*		
GT – Il-Gwate-mala	*GT-0*	*Il-pajjiż kollu*	*BOV, EQU*		
HK – Ħong	*HK-0*	*Il-pajjiż kollu*	*-*		

Kong					
HN – Il-Ħonduras	*HN-0*	*Il-pajjiż kollu*	*BOV, EQU*		
HR –Il-Kroazja	*HR-0*	*Il-pajjiż kollu*	*BOV, OVI, EQU, RUF, RUW*		
IL – Iżrael	*IL-0*	*Il-pajjiż kollu*	-		
IN – L-Indja	*IN-0*	*Il-pajjiż kollu*	-		
IS – L-Iżlanda	*IS-0*	*Il-pajjiż kollu*	*BOV, OVI, EQU, RUF, RUW*		
KE – Il-Kenja	*KE-0*	*Il-pajjiż kollu*	-		
MA – Il-Marokk	*MA-0*	*Il-pajjiż kollu*	*EQU*		
MG –Il-Madaga-skar	*MG-0*	*Il-pajjiż kollu*	-		
MK – L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (**)	*MK-0*	*Il-pajjiż kollu*	*OVI, EQU*		
MU – Il-Mawritan ja	*MU-0*	*Il-pajjiż kollu*	-		
MX – IL-Messiku	*MX-0*	*Il-pajjiż kollu*	*BOV, EQU*		
NA –In-Namibja	*NA-0*	*Il-pajjiż kollu*	*EQU, EQW*		
	NA-1	*Fin-nofs-inhar tal-kurdun tad-delimitazzjoni li jestendi mill-Palgrave Point fil-Punent sa Gam fil-Lvant*	*BOV, OVI, RUF, RUW*	*F*	*2*
NC – In-New Caledonia	*NC-0*	*Il-pajjiż kollu*	*BOV, RUF, RUW*		
NI – In-Nikaragwa	*NI-0*	*Il-pajjiż kollu*	-		
NZ – In-New Zealand	*NZ-0*	*Il-pajjiż kollu*	*BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW*		
PA – Panama	*PA-0*	*Il-pajjiż kollu*	*BOV, EQU*		
PY –Il-Paraguay	*PY-0*	*Il-pajjiż kollu*	*EQU*		
	PY-1	*Iż-żoni ta' Chaco ċentrali u San Pedro*	*BOV*	*A & F*	***1 u 2***
RO – Ir-Rumanija	*RO-0*	*Il-pajjiż kollu*	*BOV, OVI, EQU, RUW, RUF*		
RU – Il-Federazzjo ni Russa	*RU-0*	*Il-pajjiż kollu*	-		
	RU-1	*Ir-Reġjun tal-Murmansk (Murmanskaya oblast)*	*RUF*		
SV –	*SV-0*	*Il-pajjiż kollu*	-		

El Salvador					
SZ – Is-Swaziland	*SZ-0*	*Il-pajjiż kollu*	*EQU, EQW*		
	SZ-1	*Iż-żona tal-Punent tal-"linja ħamra" li testendi mit-Tramuntana mix-xmara Usutu sal-fruntjiera ma' l-Afrika t' Isfel fil-Punent ta' Nkalashane,*	*BOV, RUF, RUW*	*F*	*2*
	SZ-2	*Iż-żoni ta' sorveljanza u vaċċinazzjoni veterinarja għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer kif imħabbar bħala Strument legali taħt l-avviż legali numru 51 ta'l-2001*	*BOV, RUF, RUW*	*F*	*1 u 2*
TH – It-Tajlandja	*TH-0*	*Il-pajjiż kollu*	-		
TN –It-Tuneżija	*TN-0*	*Il-pajjiż kollu*	-		
TR – It-Turkija	*TR-0*	*Il-pajjiż kollu*	-		
	TR-1	*Il-Provinċji ta' Amasya, Ankara, Aydin, Balikesir, Bursa, Cankiri, Corum, Denizli, Izmir, Kastamonu, Kutahya, Manisa, Usak, Yozgat u Kirikkale*	*EQU*		
UA – L-Ukraina	*UA-0*	*Il-pajjiż kollu*	-		
US – L-Istati Uniti	*US-0*	*Il-pajjiż kollu*	*BOV, OVI, POR, EQU, , SUF, SUW,RUF, RUW*		
UY – L-Urugwaj	*UY-0*	*Il-pajjiż kollu*	*EQU*		
			BOV,	*A*	*1*
			OVI	*B*	*1 u 2*
ZA – L-Afrika t' Isfel	*ZA-0*	*Il-pajjiż kollu*	*EQU, EQW*		
	ZA-1	*Il-pajjiż kollu ħlief:* - *il-parti taż-żoni ta' sorveljanza u vaċċinazzjoni għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li tinsab fir-reġjuni veterinarji ta' Mpumalanga u l-provinċji tat-Tramuntana, fid-distrett ta' Ingwavuma tar-reġjun veterinarju ta' Natal u fiż-żona tal-fruntjiera mal-Botswana fil-lvant ta' longitudni 28°, u* - *id-distrett ta' Camperdown, fil-provinċja ta' KwaZuluNatal*	*BOV, OVI, RUF, RUW*	*F*	*2*
ZW – Zimbabwe	*ZW-0*	*Il-pajjiż kollu*	-		

(*) Mingħajr jedd għal ħtiġijiet ta' ċertifikazzjoni speċifika meħtieġa minn ftehim tal-Komunità ma' pajjiżi terzi.

(**) L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja; kodiċi proviżorju li ma jaffettwax id-denominazzjoni definittiva tal-pajjiż li tiġi attribwita wara l-konklużjoni tan-negozjati li fil-preżent qed iseħħu fin-Nazzjonijiet Uniti.

- = L-ebda ċertifikazzjoni ipprovduta u l-importazzjoni ta' laħam frisk huwa ipprojbit.

Kundizzjonijiet speċifiċi msemmija fil-kolonna 6

"1": *Restrizzjonijiet Ġeografiċi u ta' sinkroniżżar*

Kodiċi tat-Territorju	***Ċertifikat Veterinarju***		***Perjodu ta' żmien/dati li għalihom l-importazzjoni fil-Komunità hija awtorizzata jew mhux awtorizzata skond id-dati tal-qatla/qtil- ta' annimali li minnhom jittiehed il-laħam***	
	Mudell	*SG*		
AR-1	*BOV*	*A*	*Qabel u inkluż il-31 ta' Jannar 2002*	*Mhux awtorizzat*
			Wara u inkluż l-1 ta' Frar 2002	*Awtorizza*
AR-2	*BOV*	*A*	*Qabel u inkluż it-8 ta' Marzu 2002*	*Mhux awtorizzat*
			Wara u inkluż id-9 ta' Marzu 2002	*Awtorizzat*
AR-3	*BOV*	*A*	*Qabel u inkluż is-26 ta' Marzu 2002*	*Xejn*
			Wara u inkluż is-27 ta' Marzu 2002	*Awtorizzat*
AR-4	*BOV, OVI, RUM, RUF*	*-*	*Qabel u inkluż it-28 ta' Frar 2002*	*Mhux awtorizzat*
			Wara u inkluż l-1 ta' Marzu 2002	*Awtorizzat*
AR-5	*BOV*	*A*	*Qabel u inkluż l-10 ta' Lulju 2003*	*Awtorizzat*
			Wara u inkluż il-11 ta' Lulju 2003	*Mhux awtorizzat*
AR-6	*BOV*	*A*	*Qabel u inkluż l-4 ta' Settembru 2003*	*Awtorizzat*
			Wara u inkluż il-5 ta' Settembru 2003	*Mhux awtorizzat*
AR-7	*BOV*	*A*	*Wara l-1 ta' Frar 2002u qabel u inkluż is-7 ta' Ottubru 2003*	*Awtorizzat*
			Wara u inkluż it-8 ta' Ottubru 2003	*Mhux awtorizzat*
BR-2	*BOV*	*A*	*Qabel u inkluż it-30 ta' Novembru 2001*	*Mhux awtorizzat*
			Wara u inkluż l-1 ta' Diċembru 2001	*Awtorizzat*
BR-3	*BOV*	*A*	*Qabel u inkluż l-1 ta' Ottubru 2002*	*Awtorizzat*
			Wara u inkluż l-1 ta' Novembru 2002	*Mhux awtorizzat*
BW-1	*BOV, OVI, RUM, RUF*	*A*	*Qabel u inkluż is-7 ta' Lulju 2002*	*Mhux awtorizzat*
			Wara u inkluż it-8 ta' Lulju sat-22 ta' Diċembru 2002	*Awtorizzat*
			Wara u inkluż it-23 ta' Diċembru 2002 sas-6 ta' Ġunju 2003	*Mhux awtorizzat*
			Wara u inkluż is-7 ta' Ġunju 2003	*Awtorizzat*
BW-2	*BOV, OVI, RUM, RUF*	*A*	*Qabel u inkluż is-6 ta' Marzu 2002*	*Mhux awtorizzat*
			Wara u inkluż is-7 ta' Marzu 2002	*Awtorizzat*
PY-1	*BOV*	*A*	*Qabel u inkluż il-31 ta' Awissu 2002*	*Mhux awtorizzat*
			Wara u inkluż l-1 ta' Settembru 2002 sad-19 ta' Frar 2003	*Awtorizzat*
			Wara u inkluż l-20 ta' Frar 2003	*Mhux awtorizzat*
SZ-2	*BOV, RUF, RUW*	*A*	*Qabel u inkluż it-3 ta' Awissu 2003*	*Mhux awtorizzat*
			Wara u inkluż l-4 ta' Awissu 2003	*Awtorizzat*
UY-0	*BOV, OVI*	*A*	*Qabel u inkluż il-31 ta' Ottubru 2001*	*Mhux awtorizzat*

			Wara u inkluż l-1 ta' Novembru 2001	*Awtorizzat*

"2" **Restrizzjonijiet fuq il-Kategorija :**

L-ebda interjuri ma huma awtorizzati (ħlief diaframma ta' l-ifrat u muskoli masseter)."